MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2008

Numru. 9/2008

**Il- Pulizija**
**(Supretendent Carmelo Bartolo)**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**

**-vs-**

***Omisis***
***Omisis***
***Omisis***
***Omisis***
***Omisis***

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

***Omisis***; u
***Omisis***; u

***Omisis***; u
***Omisis***; u
***Omisis***.

Talli:-
***Omisis***, ***Omisis***, ***Omisis* u *Omisis*** f'dawn il-Gzejjer, nhar il-21 ta' Jannar, 2006 u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;
a) nhar il-21 ta' Jannar, 2006, ghal habta ta' l-4:00 ta' wara nofs in nhar waqt li kienu f' San Gwann, ikommettew serq ta' diveri oggetti minn skola, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), kif ukoll bil-mezz, sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
b) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, bil-hsieb li jikkommettu delitt u cioe' serq ikwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta, urew dan il-hsieb b'atti esterni, u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta taghhom;
c) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (Euro 116.47) (hamsin lira Maltin), saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

Aktar talli ***Omisis***, ***Omisis* u *Omisis***
d) nhar l-14 ta' Jannar, 2006, ghal habta tat-7:45 ta' filghaxija, waqt li kienu f'San Giljan, ikkommettew serq ta' diveri oggetti u cioe' computers u affarijiet ohra minn l-iskola Primarja ta' San Giljan, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-vjolenza (numerika), bil-mezz, bil-hin, kif ukoll bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin Euro u sebgha u tletin Euro centezmu (Euro 2329.37) (elf lira Maltin), sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;
e) u aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu

hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara li tammonta ghal aktar minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (Euro 116.47) (hamsin lira Maltin) saret ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

U aktar, ***Omisis*** wahdu gie akkuzat talli:-
f) f'diversi okkazzjonijiet matul il-perjodu ta' zmien bejn il-21 ta' Jannar, 2006 u ix-xhur ta' qabel din id-data, ikommetta serq ta' diversi oggetti minn diversi hwienet f'San Gwann, liema serq sar ghad-detriment ta' persuni b'identita li sa issa ghada mhux maghrufa;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma llum 4 ta' Gunju 2008 fejn il-partijiet qablu li s-serq indikat fis-sitt imputazzjoni sar minn hanut wiehed.

Rat li f'dik l-istess udjenza, mizmma bhala Qorti Struttorja, l-imputat odjern ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien biex jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(1)(a)(b)(c)(f), 262(1)(b), 263, 267, 270, 284, u 325(1)(b), tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-fedina penali ta'l-imputati.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni ta' l-imputat fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, il-koperazzjoni ta' l-imputat mal-Pulizija u l-fedina penali tieghu.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li r-reati mertu tal-proceduri odjerni gew kommessi aktar minn sentejn ilu meta l-imputat kellu erbatax il-sena; huwa fil-fatt ghadu minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti:

Fuq ammissjoni u wara li rat l-artikoli 37, 41(1)(a), 261(1)(a)(b)(c), 262(1)(b), 263, 267, 284, u 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, issib lill-imputat ***Omisis*** hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu u x'jigri jekk huma jikkommettu reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija waqt il-perjodu ta'sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------